A.L. 168 ta' l-1993

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-PULIZIJA (KAP. 128)

Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, il-Ministru ta' l-Intern u Żvilupp Soċjali, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija (Emenda Nru. 2), għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1949 dwar il-Liċenzi tal-Pulizija kif emendati bl-Avviż Legali 151 ta' l-1993, u hawnhekk iżjed il-quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

G.N. 846 ta' l-1949.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1994.

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-paragrafu (ċ) tal-partita 7 tat-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "opra tal-baħar tlett kilometri barra mill-kosta" għandhom jidħlu l-kliem "opra tal-baħar li tinsab tlett kilometri jew iktar barra mill-kosta".